


# Il-Vara

*Karmenu Massa*

L-istatwi, jew aħjar il-vari proċessjonali li jintużaw fil-lokalitjiet kollha ta' Malta, jiġbdu lejhom attenzjoni partikolari. Il-kelma "vara" hija kelma li hi użata ħafna ukoll fi Sqallija u aktarx li f'Malta daħlet minħabba r-rabtiet li dejjem kellna magħha. Xi wħud mill-vari huma xogħlijiet ta' arti kbira. Uħud huma minquxin mill-injam u oħrajn mgħamulin mill-kartapesta. Hawn ukoll xi waħdiet ta' materjali oħra.

Fil-knisja parrokkjali tagħna insibu erbgħa vari tal-injam u ħamsa tal-kartapesta. L-erba' tal-injam huma, tal-Annunzjata, tar-Rużarju, Marija Addolorata u San Ġużepp. Il-ħamsa tal –Kartapesta huma, tal-Madonna tad-Duttrina, l-Immakulata Kunċizzjoni, San Alwiġi, San Franġisk u Ġesu Nazzarenu.

Il-vara tal–Madonna tad-Duttrina ġiet ordnata mil-Fratellanza ftit wara li din ġiet ravvivata fl-1874. Skont il-kotba tal-Fratellanza, il-perit Mikiel Busuttil ġie aċċettat fil-fratellanza mingħajr ħlas, talli kien għamel id-disinn għall-vara li tirrappreżenta lill-Madonna taħt it-titlu tad-Duttrina, kif ukoll ta pedestall għaliha.

Fi ktieb ieħor ta' dħul u ħruġ tal-ispejjeż tal-Fratellanza insibu ħlasijiet biex il-perit Mikiel Busuttil jinkrielu trasport biex imur isegwi x-xogħol li kien qed isir fuq il-vara. Dan ix-xogħol kien qed isir mill-istatwarju Ġerolamo Darmanin li għandu kienet ordnata din il-vara. Il-vara kienet lesta u żżanżnet fl-1877, saret tranżlazzjoni ta' din il-vara lejn il-Knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, xi jiem qabel il-festa ta' dik is-sena, li kienet tkun iċċelebrata f'Ġunju. Skontil-kotba tal-Fratellanza, saru ħlasijiet għall-mużika u għall xi xorb għar-reffiegħa tal-vara għal dak inhar tat-tranżlazzjoni tal-vara l-ġdida.

Xi anżjani kienu jgħidu li din il-vara kienet xi ftit differenti milli hi illum. Jingħad li il-mant tal-Madonna kien jgħaddi minn fuq naħa għall oħra fuq idejha miftuħin u li kien bħal qisu jgħaddi minn fuq it-tlett itfal li kienu aktar 'il quddiem lejha. Il-pedestall aktarx li kien fuq stil neo klassiku, jekk kien fuq disinn ta' Mikiel Busuttil. Sfortunatament; qatt ma nstab s'issa xi ritratt milli kienu jittieħdu dak iż-żmien sakemm kienet hekk. Skont il-kotba tal-Fratellanza kienu jsiru ħlasijiet biex jittieħdu rittatti tal-vara ħalli jitqassmu lin-nies.

Fl-1923 fi żmien il-kappillan Dun Salvatore Galea kien sar intervent fuq din il-vara. Kien tqabbad l-istatwarju Angelo Dalli "is-Suffari" biex jgħamel dan ix-xogħol. Jingħad li f'dan l-intervent inbidel il-wiċċ tal-Madonna u hemm min jgħid li le. Iżda l-wiċċ jixbaħ ħafna lil dak ta l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab il-Gudja li hi ukoll ta' Dalli. Jekk Angelo Dalli għex biss biex għamel dan il-wiċċ tal-Madonna tad-Duttrina, hu biżżejjed.



*Ix-xebh bejn wiċċ il-Madonna tar-Rużarju tal-Gudja u wiċċ il-Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien*

Dan il-wiċċ hu mill-aktar grazzjuz, kull min iħares lejh jitaxxaq bil-ħlewwa u ġmiel tiegħu. F'din il-figura il-Madonna għanda ħarsa ta' ħlewwa u ħniena, bi tbissima sempliċi ta' Sinjura twajba. Għalkemm figura femminili li tiddomina, iżda il-ħlewwa tagħha hi tas-sema. Imlibbsa b'ilbies dehebi, kif tradizzjonalment imdorrijin inżejnu l-vari hawn Malta. Fuq ras Marija tinsab raġġiera tal-fidda imdawwra bi tnax il-kewkba dehebiena b'fossa leqqiena ġo nofshom. Dan hu mod li bih inħarsu aħna l-Maltin lejn il-vari. Imżejjnin bid-deheb jgħatuna li nħarsu lejhom bħala figura qaddisa. Il-fatt biss li statwa qed tirrappreżenta figura qaddisa, il-materjal użat biex jiffurmaha, sew jekk injam, kartapesta jew materjal ieħor, għalina hi xi ħaġa qaddisa. F'din il-vara Marija qed tħares lejn tlett itfal li huma qed iħarsu fiss lejHa, jitgħaxxqu bil-ġmiel, il-ħarsa u t-tgħalim tagħha. B'dirgħajha u idejn delikati miftuħin mistħajla qed tispjegalhom u fl-istess waqt tberikhom. Huma attenti għaliha biex ma jitilfu xejn



mill-għerf li qed twasslilhom. Tnejn mit-tfal, wieħed sinjur xagħru twil u l-ieħor fqir bla xhedd f'riġlejh, jinsabu mgħannqin flimkien. It-tifel l-ieħor li ġej mill-klassi tan-nofs jew tan-negozjanti, jinsab b'idejh magħqudin flimkien, ilkoll mitlufin jitgħaxxqu bil-ġmiel u l-kliem ħelu li ħiereġ minn fomm Marija.

Dawn l-erba' figuri jinsabu fuq pedestall maestuż, disinn u xogħol ta' Emanuele Buhagiar li sar fl-istess żmien tar-rinnovament tal-vara fl-1923. Dan il-pedestall hu mżejjen b'simboli ta' l-evanġelisti u simboli tal-Madonna mal-erba' faċċati. Prominenti fuq quddiem naraw is-simbolu tal-Madonna taħt it-titlu tad-Duttrina. Dan jikkonsisti fi ktieb miftuħ, simbolu tal-għerf, u fuqu u maġembu kwiekeb u ġilji li huma simboli ta' Marija Santissma. Dan għalhekk hu simbolu ta' l-għerf ta' Marija. Fil-kantunieri tal-pedestall fuq erba' mensoli naraw erba' uċuħ ta' anġli fost aktar disinji li jżejjnu dan il-pedestall.

Taħt il-pedestall naraw il-bradella, li hi dik il-parti li minnha tintrefha l-vara, li hi wkoll disinn u xogħol ta' Emanuele Buhagiar. Xogħol fin ta' karpinterija u skultura fl-injam. Dan ukoll b'simboli tal-Madonna u uċuħ ta' anġli.



Kollox jistrieħ fuq bankun tal-kewba iddisinjat u maħdum minn fratelli u ħbieb tal-Fratellanza fl-1994. Dan il-bankun hu disinn ta' Renzo Gauci u il-karpinterija tiegħu saret fil-ħanut ta' Ġużeppi u Martin Agius, minnhom u bl-għajnuna ta' persuni oħra. L-iskultura hi ukoll xogħol ta' Renzo Gauci u l-ikultura tal-pilastri ta' dan il-bankun hi xogħol ta' Joseph Massa. Fil-faċċati ta' dan il-bankun insibu simboli ta' erba' virtuijiet li huma l-fidi, it-tama, l-imħabba u l-qawwa. Dawn is-simboli huma basso rilievi minquxa fl-injam tal-larinġ.

Iżejjnu għall-jiem tal-festa madwar il-vara nsibu girlanda u erba' fjuretti tal-ganutell. Il-fjuretti huma xogħol ta' Emanuele Sciberras tal-Qrendi. Dawn il-fjuretti jittpoġġew ġo erbgħa gastri tal-fidda. Dawn il-gastri tal-fidda huma xogħol Malti li sar fis-snin ħamsin u kien ħadem ħafna biex saru, is-sur Mattew Agius.



Din il-vara tinħareġ ta' kull sena fost ferħ tan-nies ta' Ħal Tarxien li għandhom għal qalbhom lil Marija Santissma. J'Alla li meta nħarsu lejn il-vara, li hi biss ix-xbieha tal-Madonna u li għax hi xbieha tagħHa jixirqilha kull rispett, niftakru li nkunu qed ngħamlu l-festa lil dik li tinsab fis-sema tidħol għalina quddiem il-Missier tas-sema. Nittamaw li xi darba għad narawHa fil-ġmiel u l-ħlewwa kollu tagħHa.

*N.B. L-artiklu 'Kif tintrama l-Knisja għall-Festa tal-Madonna tad-Duttrina' li deher fil-ħarġa tas-sena l-oħra kien miktub mis-Sur Karmenu Massa.*